# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum it-Tnejn, 25 ta’ Gunju, 2001**

**Appell Nru 56/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Monica Pullicino**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Monica Pullicino talli fis-16 ta’ Jannar, 2001 ghall-habta tas-2.00 p.m. gewwa San Gwann (**1**) volontarjament kisret il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat u bil-glied, u aktar (**2**) hebbet ghal Catherine Borg u kkagunatilha griehi ta’ natura hafifa skond ma ccertifika Dott. N. Grixti M.D. tal-*Gzira Health Centre*;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-14 ta’ Marzu, 2001 li permezz taghha dik il-qorti lliberat lill-imsemmija Monica Pullicino mit-tieni imputazzjoni izda sabitha hatja skond l-ewwel imputazzjni u kkundannatha ammenda ta’ ghoxrin lira (Lm20), kif ukoll rabtitha, skond l-Artikolu 383(1) tal-Kodici Kriminali, b’obbligazzjoni personali ta’ mitt lira (LM100) li zzomm il-bon-ordni pubbliku ghal zmien sena;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-istess Monica Pullicino, minnha ppresentat fis-26 ta’ Marzu, 2001 li permezz tieghu talbet ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellanti hu, bazikament, li hi ma setghetx tinstab hatija ta’ *breach of the peace* meta hi “kull ma ghamlet kien li ddefendiet ruhha mill-attakk feroci u bla mistenni ta’ Catherne Borg”. L-appellanti tikkontendi li fic-cirkostanzi li sabet ruhha fihom ma jistax jinghad li hi “volontarjament” kisret il-bon-ordni u l-paci pubblika, u li dak li ghamlet sehh fl-

agunija tal-attakk li kienet qed iggarrab b'mod li kien inevitabbli li jkun hemm xi ftit ta' storbju u ghajjat.

Kif din il-Qorti kellha okkazzjoni tfisser f'diversi sentenzi taghha (ara, fost ohrajn, ***Il-Pulizija v. Joseph Spiteri*** App. Krim. 24/5/96), bhala regola jkun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-Artikolu 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita` fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'risultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita` ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. Ghandu jinghad ukoll li ghalkemm il-ligi taghna tipprovdi ghad-difiza tal-legittima difeza f'kaz ta' aggressjoni diretta biex tikkaguna offiza fuq il-persuna (Art. 223, Kap. 9), kif ukoll tippermetti r-ritorsjoni proporzjonata fil-kaz ta' l-ingurja kontravvenzjonali taht l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali (ara ***Il-Pulizija v. Joe sive Joseph Vella*** App. Krim. 7/12/95), fil-kaz tar-reat ta' ksur tal-bon-ordni u l-paci pubblika il-ligi ma tipprovdi ghal ebda difiza specifika. Fi kliem iehor, wiehed irid jara fil-kaz konkret jekk dak li sar kienx inevitabbli tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Hu evidenti, per ezempju, li persuna li tigi aggradita u li tkun <u>fil-fatt qed tiddefendi ruhha</u> (mhux semplicement tirritalja ghal offiza fuq il-persuna li tkun diga saritilha) necessarjament ser tagixxi b'mod li tnissel f'mohh persuna ohra dak l-inkwiet jew thassib aktar 'l fuq imsemmi. Pero` l-agir ta' dik il-persuna jkun, f'dawk ic-cirkostanzi, inevitabbli, u ghalhekk ma jistax jammonta ghal *breach of the peace*. L-istess ikun il-kaz jekk persuna tingurja *animus retorquendi* fil-limiti tal-Artikolu 339(1)(e) imsemmi – ikun kontrosens li wiehed jghid li dik l-ingurja ma tammontax ghal reat pero` l-fatt fih innifsu jammonta ghal reat iehor (taht l-Art. 338(dd)).

Fil-kaz in dizamina, jirrisulta mill-provi li fil-jum u fil-hin indikati fl-imputazzjoni l-appellanti kellha argument shun ma' wahda mill-gar taghha, Catherine Borg, li tghix fl-istess blokk appartamenti. Min beda u min inizjalment aggredixxa lil min huwa sekondarju ghall-finijiet ta' dana l-appell, peress li jirrisulta car li sakemm waslu l-Pulizija – li l-ewwel ma cemplitilhom kienet Catherine Borg u li sakemm waslu necessarjament ghadda certu hin – l-appellanti u din Borg <u>kienu ghadhom fil-parti komuni tal-blokk appartamenti jghajjtu fil-konfrnt ta' xulxin</u>. Mid-deposizzjoni ta' P.C. 103 Kevin Amato jirrisulta li li l-Pulizja hassew il-htiega li jsikktuhom it-tnejn, prova din li l-Pulizija bezghu li dawn it-tnejn setghu jigu, jew jergghu jigu, fl-idejn. Ma jirrisultax li fil-mument li waslu l-Pulizija, l-appellanti kienet qed tiddefendi ruhha kontra xi aggressjoni ingusta da parti ta' Borg (jekk kien hemm tali aggressjoni u tali difiza din kienet diga sehhet); anqas ma jirrisulta li l-appellanti kienet, fil-mument li waslu l-Pulizija, semplicement qed twiegeb insult kontravvenzjonali b'insult kontravvenzjonali iehor fil-limiti tat-tieni parti tal-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 339 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk l-ewwel qorti kienet gustifikata li ssib lill-appellanti hatja ta' ksur tal-bon-ordni u l-paci pubblika. Din il-Qorti hi sodisfatta li l-appellanti, wara l-ewwel inkontru ravvicinat ma' Borg, u wara l-iskambju ta' l-ewwel insulti, flok ma dahlet lura

gewwa l-appartament taghha (u ma jidher li kien hemm xejn xi jzommha milli taghmel hekk) baqghet barra tghajjat ma' Borg sa ma waslu l-Pulizija. Ghalhekk l-appell in kwantu jikkoncerna l-htija dwar l-ewwel imputazzjoni qed jigi respint.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti hadet l-izbriga li tordna kopja tal-fedina penali ta' l-appellanti, mnejn jirrisulta li din ghandha fedina penali kompletament nadifa. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, u tenut kont anke tal-fatt li l-incident kien wiehed bejn girien u m'ghandux jigi mkabbar aktar milli hemm bzonn, din il-Qorti hi tal-fehma li flok ammenda ta' ghoxrin lira ghandha twiddeb lill-appellanti fit-termini tal-Artikolu 15(1) tal-Kodici Kriminali. Il-precett skond l-Artikolu 383(1) tal-Kap. 9, pero`, ser jibqa` hemm.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti biss fejn ikkundannat lill-appellanti ammenda ta' ghoxrin lira, u minflok dik l-ammenda qieghdha twiddeb lill-istess Monica Pullicino fil-qorti bil-miftugh biex ma tergax; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. It-terminu ta' sena tal-obbligazzjoni taht l-Artikolu 383(1) imsemmi jibda jiddekorri mill-lum.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur